**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 20 - IT-TNEJN, 20 TA' FRAR 2012**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Joseph Pierre Bonello | Membru |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Iċ-Chairperson infurmat li l-Kunsill se jorganizza l-Festival tal-Fjuri u Mużika nhar il-Ħadd 29 ta' April. Hija ħeġġet lill-membri biex jattendu.

2.2. Is-SE informa li kellu email bid-data tas-26 ta' Marzu bħala risposta għat-talba tal-Kumitat, mingħand is-Sur Ebejer mill-Parks dwar inizjattivi dwar imxietel. Iċ-*Chairperson* Cuomo infurmat ukoll li kienet kellmitha s-Sinj. Maria Baldacchino mill-MRRA dwar talba għat-tindif u taħwil tas-siġar f'Xatt il-Palm. Hija talbitha *site plan* u n-numru ta' siġar meħtieġa biex jitħawwlu. Kien hemm qbil li possibilment għandha ssir laqgħa l-ġimgħa ta' wara.

2.3. Is-Sur Woods informa li attenda laqgħa bl-isem *Engaging the Community in Science and Technology* organizzata mill-*Malta Council for Science and Technology*. Huwa informa li, jekk il-Kumitat jorganizza xi attività, bħal wirja li għandha x'taqsam max-xjenza, il-Kumitat jieħu €600 għall-ispejjeż. Il-Kumitat qabel li s-Sur Woods għandu jipproċedi biex possibilment issir attività b'dan is-suġġett.

## 3. IL-FESTIVAL TAL-ĠELATI

3.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet saret laqgħa ta' kordinazzjoni ma' persuni li jagħmlu l-ġelat artiġjanali. Hija infurmat li l-konkorrenza kienet fqira ħafna. Infurmat ukoll li kien hemm problema minħabba li kienu meħtieġa numru ta' *freezers* u ma kien hemm ħadd li fil-preżent lest li jikrihom. Dawn kienu meħtieġa minħabba li min jipprovdi l-ġelat ma kienx f'pożizzjoni li jċaqlaq il-*freezers* li jużaw fix-xogħol tagħhom.

3.2. Fid-dawl ta' dan kollu kien hemm qbil li, jekk fi żmien ġimgħa ma jkunx hemm żviluppi pożittivi, l-attività tiġi kkanċellata.

## 4. IL-BUS STOPS F'BIC

4.1. Is-Sinj. Cuomo ipproponiet li għandha ssir reviżjoni fir-rotta interna tat-trasport pubbliku billi jitnaqqsu ċertu toroq u b'hekk jitneħħew numru 'żejjed' ta' *bus stops*.

4.2. Il-Kumitat unanimament qabel li għandha ssir talba biex jitneħħew il-*bus stops* fi Triq Xatt il-Palm u Triq il-Lampara u t-trasport jgħaddi biss minn Triq Anton Manwel Caruana.

## 5. TAĦDIDIET EDUKATTIVI

5.1. Kien qiegħed ikun propost li ssir taħdita fit-30 ta' Marzu fid-9:30am bis-suġġett ikun 'Ħbieb jew ġenituri mat-tfal?'

5.2. Issemma li għat-taħdita preċedenti, minkejja li kienet interessanti ferm, attendew biss tliet persuni. Kien diskuss jekk hux aħjar li kieku saret fis-7pm. Kien hemm qbil ukoll li għal darb oħra jsir tentattiv biex it-taħdita ssir fuq barra.

## 6. ATTIVITÀ ARTS IN THE PARK

6.1. Il-Kumitat qabel li għandu jagħmel tentattiv biex jorganizza wirja ta' arti imżewqa b'mużika għall-ħabta ta' Settembru 2012.

6.2. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir talba lid-Dipartiment biex, fid-dawl tal-kanċellazzjoni tal-Festival tal-Ġelati, il-fondi mwegħda għal din l-attività ikunu utilizzati għal attività ta' Settembru.

## 7. ATTIVITAJIET SPORTIVI

7.1. Il-Kumitat qabel li għandu jorganizza sessjonijiet ta' attivitajiet sportivi li jibdew kif ġej:

| **Tip ta' sport** | **Dati minn sa** | **Ħin** |
|---|---|---|
| Aerobics | 26 ta' Marzu sa 21 ta' Mejju | 8pm |
| Pilates | 27 ta' Marzu sa 29 ta' Mejju | 9am |
| Zumba | 21 ta' Marzu sa 23 ta' Mejju | 8pm |
| Aerobics | 29 ta' Marzu | 8pm |

7.2. Is-Sibtijiet se jibdew klassijiet taż-Zumba fl-14 ta' April fit-3:30pm.

7.3. Il-prezz ikun ta' €15 kull kors.

## 8. MARKI TAT-TRAFFIKU U PARKEĠĠI

8.1. Il-Kumitat qabel li għandhom isiru sinjali ġodda ta' parkeġġi fi Triq ix-Xambekk filwaqt li għanda ssir il-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fl-istess triq.

8.2. F'dan il-ħin is-SE spjega lill-Kumitat dwar ir-regolamenti ta' marki tal-parkeġġi b'mod partikulari l-kaxxi sofor li ttieħdet id-drawwa li jsiru quddiem il-garaxxijiet kontra l-policy ta' TM. Dan peress li kaxxa għall-parkeġġ tista' tkun jew bajda jew safra.

8.3. Is-Sinj. Cuomo talbet li tkun ikkuntattjata l-Perit tal-Pjazza ħalli jsiru t-tabelli meħtieġa tal-ġnien. Issemma wkoll li hemm *scaffolding* li kien ilu taħt il-*gazebo* erba' ġimgħat. Barra minn hekk kien hemm ukoll ir-*railings* li għadhom ma tpoġġewx.

## 9. PJAN TA' ŻVILUPP GĦAL BIC

9.1. Is-Sur Woods ippropona li jkun imħejji dokument bħala *Master Plan* għal-lokalità ta' BIC ħalli jkun hemm pjan ħolistiku u fit-tul u biex id-deċiżjonijiet ikunu dejjem fuq l-istess linji tal-Pjan.

9.2. Intweriet ix-xewqa li l-Perit tal-Kunsill ikun mitlub li jħejji abbozz ta' pjan għaż-żona ta' barra ta' BIC skont kif se tkun iffurmata t-triq.

9.3. Is-SE esprima l-opinjoni li l-komunità kollha ta' BIC taf x'inhuma l-ħtiġijiet u għalhekk jista' jkun inutli li jsir Pjan dettaljat li jiswa eluf ta' Ewro biex imbagħad ftit li xejn ikun jista' jiġi implimentat. Il-Kumitat għalhekk kellu jibda jiffoka fuq dak l-irranġar l-aktar meħtieġ, u ċoè kif ġie suġġerit diġà għaż-żona ta' barra ta' BIC.

## 10. ĦWEJJEĠ OĦRA

10.1. Is-SE spjega d-dewmien biex ikunu installati l-bozoz il-ġodda ta' Triq San Franġisk t'Assisi. Għandu jsir tentattiv biex il-proċess jitħaffef kemm jista' jkun.

10.2. Is-Sinj, Muscat appellat biex isiru aktar tabelli fi Triq Xatt il-Palm biex jindikaw aħjar li t-triq hija f'direzzjoni waħda.

10.3. Is-Sinj. fakkret li kellu jsir il-pagament għas-sala tal-Knisja.

10.4. Kien rappurtat li l-ħajt li jdawwar plot fi Triq l-Iskall ma kienx fi stat pulit.

10.5. Is-SE kien mitlub biex jordna li jiċċaqilqu l-iskips minn Triq ix-Xambekk għal Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u wieħed imur fi Triq il-Lampara.

## 11. TMIEM IL-LAQGĦA

11.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 24 ta' April 2012 fil-5:30pm.

11.2. Il-laqgħa intemmet fil-19:30pm.

Mary Anne Cuomo
**Chairperson**

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
**Segretarju Eżekuttiv**